NEWSPAPER POST



# Il-Belt VICTORIA

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Novembrru – Diċembru 1999* *NRU. 111*

## Messaġġ mill-Arċipriet

# TMIEM IS-SENA, IS-SEKLU U L-MILLENJU

Dan hu l-aħħar messaġġ tiegħi lilkom għal din is-sena li waslet biex tintemm. Ma' din is-sena qed jintemm ukoll seklu u qed jintemm ukoll millenju.

Tabilħaq dan ma kien ikollu l-ebda tifsira partikolari li mhux għax il-millenju li qed jintemm hu t-tieni wieħed minn mindu l-Iben t'Alla sar bniedem u deher fostna fl-umanita' ta' Ġesù Kristu. Għalkemm mhux il-bnedmin kollha qed jingħaqdu mad-dinja Nisranija fiċ-ċelebrazzjoni tat-tieni millenju ta' Fidi Nisranija-is-sena 2000 tagħna l-Insara hi s-sena 5760 skond il-Kalendarju Lhudi u s-sena 1420 skond dak Iżlamiku-imma l-bnedmin kollha jaqblu li minn mindu deher Ġesù Kristu fuq l-art id-dinja ma baqgħetx l-istess. It-twemmin reliġjuż ta' kull xorta li ġie f'kuntatt mal-Kristjaneżmu safa nfluenzat minnu, il-kulturi differenti ta' kull soċjeta' li tinsab fid-dinja lkoll ħassew ir-rikkezza ġdida tat-tagħlim Nisrani, il-valuri umani li jgħożżu l-bnedmin huma sostanzjalment il-valuri divini li għarrafna bihom u għallimna dwarhom Ġesù Kristu, id-dinjita' tal-bniedem kif tidher fit-twemmin tal-Knisja Nisranija ma tidher f'ebda twemmin jew ideoloġija oħra. Bit-twelid ta' Ġesù id-dinja ċertament li nbidlet. Aħna l-Insara nafu kif inbidlet! Saret l-għamara ta' Alla! U aħna sirna bi grazzja membri tal-familja tiegħu.

Għalhekk hu b'kull raġun li aħna l-Insara nifirħu f'din ir-rikorrenza tal-kalendarju Nisrani tagħna. Hu bir-raġun li niċċelebraw Ġublew Kbir flimkien ma' l-Insara kollha tad-dinja Nisranija, sena ta' grazzja speċjali għalina lkoll. Hu bir-raġun kollu li f'dawn il-festi tal-Milied, ta' tmiem is-sena u tal-bidu ta' sena ġdida, niltaqgħu ta' sikwit fil-knisja parrokkjali tagħna biex inħallu lil Alla jiltaqa' magħna, inħalluh ikellimna fit-tifkira tal-grajjiet ta' Ibnu u nħalluh isaħħaħna bil-grazzja tiegħu ħalli l-ħajja Nisranija tagħna tissaħħaħ u tkun testimonjanza vera għad-dinja tal-preżent u tal-ġejjieni.

Nixtieq minn dawn l-aħħar paġni li qed jinkitbu din is-sena, f'dan is-seklu, f'dan il-millenju, insellem lil ħutna l-Għawdxin kollha li għexu fuq din id-daqsxejn ta' gżira matul dan il-perijodu pjuttost twil u drammatiku ta' l-istorja ta' ġensna. Dak li għandna llum nafuh lilhom, lit-tbatija tagħhom, lil-lealta' tagħhom, lill-intrapendenza tagħhom, lill-fidi tagħhom. Għandna x-xorti li l-fidi tagħhom f'Alla, l-imħabba tagħhom lejn Ġesù, id-devozzjoni lejn il-Verġni Marija, lejn San Ġorġ u lejn bosta qaddisin oħra għadhom ħajjin fostna u fina. Għadha sostanzjalment ħajja u sħiħa fina wkoll ir-rabta mal-Knisja Kattolika kif tixhed l-ewwel skrizzjoni ekkleżjali li nafu biha, dik li kienet

*ikompli f'paġna 2* ☛

★ Bl-Isbaħ Xewqat lil Kulħadd ★

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

Uffiċċju Editorjali: CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel : 55 63 77 • Fax: 55 69 81
Email: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg


## MEMBRI ĠODDA FIL -KOMUNITA` PARROKKJALI

03.10.99 : ZACH iben Noel Vella u Mary nee' Formosa
10.10.99 : CLAIRE bint Noel Galea U Marcelline nee' Zammit
11.10.99 : DAVID iben George Mercieca u Carmen nee' Galea
12.10.99 : GIAN-LUKE iben Joh Gambin U Giovanna Gloria nee' Said
24.10.99 : EMMA Robert Henry Frandell u Mabel Frances nee' King
18.11.99 : JOHN iben George Camilleri u Monique nee' Mizzi

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

30.10.99 : KEVIN Farrugia u JACQUELINE Ellis

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

07.11.99 : Ġużeppi Formosa
21.11.99 : Dorthese Ellis

### *Donazzjonijiet b'Risq ir-Rivista:*

| | |
|---|---|
| Ġiġi Said: | 50 Aus $ |
| Salvu Galea: | 20 US $ |
| Raymond Cauchi: | Lm10 |

GRAZZI

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

## *Messagg mill-Arcipriet*

tinsab ingastata fuq il-fonti tal-magħmudija tal-knisja parrokkjali tagħna, imma li sfortunatament sfat meqruda. Jalla din l-imħabba tagħna lejn Ġesù, imħabba li tesprimi ruħha f'diversi forom, tibqa' sħiħa matul il-millenju kollu li qalwaqt nagħtu bidu għalih. Intant inħeġġiġkom sabiex tgħixu b'mod mill-iktar sħiħ il-mumenti qaddisa tal-festi li se niċċelebraw.

***Nistedinkom sabiex fil-bidu tal-Ġublew il-Kbir li l-Qdusija Tiegħu se jinawgura fil-Lejl tal-Milied f'Ruma, niltaqgħu fil-Bażilka ta' San Ġorġ sabiex niżżu ħajr lil Alla għad-don kbir ta' Grazzja Divina li għamlilna f'Ibnu. Niltaqgħu tliet darbiet:***

**★ Fil-lejl tal-Milied (11.00pm) meta bit-talb ta' l-Uffiċċju tal-Qari, bil-priedka tat-tfajjel u l-Konċelebrazzjoni Solenni ningħaqdu spiritwalment mad-dinja Nisranija fit-tifkira hienja u tradizzjonali tat-Twelid tal-Mulej;**

**★ Fil-Milied fil-għodu (11.00am) meta ningħaqdu ma' l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof tagħna għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Milied fil-jum li fih tiġi nawgurata s-Sena Mqaddsa fid-Djoċesi tagħna;**

**★ u fl-4.30pm għall-kant solenni tat-Tieni Għasar tal-Milied.**

★★★★★★★★★★★★★★★★★★★

# *Editorjal*

## TMIEM IT-TIENI MILLENJU TAL-KRISTJANEŻMU

F'dawn l-aħħar snin smajna ħafna dwar tmiem it-Tieni Millenju Nisrani u l-bidu tat-Tielet wieħed. Dan l-avveniment ser jitfakkar kullimkien, fil-pajjiżi kollha tad-dinja. Min ser jagħmel ħaġa u min oħra. Iċ-ċelebrazzjonijiet jgħaddu u wara ftit taż-żmien kollox jintesa'.

Għalina li nemmnu fi Kristu dan l-avveniment għandu jimliena b'kuraġġ għax għal dawn kważi l-elfejn sena li għaddew pajjiżna baqa' jżomm sħiħa l-Fidi li wasslilna l-Appostlu tal-Ġnus. Iżda ta' min jistaqsi jekk il-Fidi tagħna baqgħetx awtentika jew le? Ta' min jistaqsi jekk aħniex Insara li fihom Ġesù jara veri dixipli tiegħu? Ta' min jirrifletti ftit fl-okkażjoni ta' tmiem millenju u bidu ta' ieħor aħniex membri ħajjin tal-Familja Nisranija?

Il-bidliet kbar li ġab miegħu s-Seklu Għoxrin affetwaw sew il-mod ta' ħajja li konna ngħixu. Il-gżejjer tagħna għamlu avvanzi kbar u nistgħu ngħidu li mxejna maż-żminijiet. Pero' huwa żgur ukoll li l-valuri li kellna tnaqqru b'mod sostanzjali u b'dispjaċir tinnota li l-Fidi tagħna marret lura. Irridu nammettu li l-familji tagħna m'għadhomx l-istess. Il-bruda għall-Knisja kibret. L-injoranza reliġjuża żdiedet għax ċerti affarijiet bdejna narawhom żejda. L-onesta', id-diċenza u l-osservanza tal-liġi t'Alla naqsu sew.

Is-sena 2000, is-sena tal-Ġublew il-Kbir, għandha sservi fil-feħma tagħna bħala sena ta' riflessjoni dwar dak li hemm bżonn isir biex il-Fidi tagħna terġa' tibda tissaħħaħ fostna. Dan ma jfissirx li nerġgħu lura lejn dak li konna ħamsin, mitt sena ilu. Is-sena 2000 trid tkun sena ta' qawmien spiritwali awtentiku, b'impenn serju minn naħa ta' kulħadd. Ma nistgħux nibqgħu nserrħu rasna għax ikollna festi kbar! Ma nistgħux nibqgħu marbutin ma' drawwiet li qed ixekkluna!

Dan għandu jkun l-proġett tat-Tielet Millenju għalina bħala Komunita' Parrokkjali u bħala Knisja f'Għawdex.

**Il-Board Editorjali jixtieq lil kulħadd Milied Hieni u Sena mimlija bil-ferħ ta' Ġesù li ġie biex iberikna.**

# IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-LEJL

*Kitba ta' Manuela Rabezza (Bollettino Salesiano Jannar 1999)*
***Maqluba għall-Malti minn Mons Salv Borg***

Waqft f'rokna u qgħadt nosserva bla ma niġi osservata: bil-ftit il-ftit bdew jaslu l-ulied bniet, ikoll barra minn sesihom, bl-entużjażmu. Iwerżqu, jgħajjtu, jaqbżu, jitfaċċa hekk f'daqqa waħda, tant li kważi kważi jbeżżgħu lill-ġenitur, iduru madwaru jirrakkontaw kollox f'salt, u b'ħeffa liema bħala, nla ma jittendu li hu ma fhemx kelma waħda biss minn dak li jkunu qalu. Jekk il-ġuvintur jkunu iktar minn wieħed, huma jibqgħu jitkellmu bejniethom filwaqt li l-ġenitur jagħmel perfettament il-parti ta' xufier. Mutu. Ix-xena hija waħda simpastika u jidhirli li tista' sservi wkoll bħala metafora ta' l-atteġġjament ta' l-adulti f'konfranot mad-dinja taż-żgħażagħ u b'mod partikolari f'konfront mal-lejl: jinsabu "barra", iħarsu b'arja ta' giżgust, bla ma jifhmu x'jistgħu jsibu sabiħ, bittama li jiddeċiedu malajr li "joħorġu".

## FUQ IN-NAĦA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Fl-immaġinazzjoni ta' l-adulti, il-lejl hu sinonimu mal-ħażen, mad-dnub, mal-mewt. Il-ħajja tippartieni lill-jum. Il-lejl qiegħed hemm għall-irqad. Naturalment Iż-żgħażagħ ma jaqblu xejn ma' dan il-fatt: għalihom il-lejl hu l=-ħin tal-liberta', ta' l-intimita', tal-ħbiberija, tad-divertiment, tal-verita'. Jidhru li qed jgħinu: "Tridu ssiru tafuna sewwa? Fittxuna u ħarsu lejna bil-lejl: hekk aħna." Ma rridx hawnhekk naffronta d-diskors tad-dimensjoni trasgressiva tal-lejl. Ma rridx nitkellem dwar il-problema ta' l-alkoħol u tad-droga li jsibu........l-habitat naturali tagħhom fil-lejl taż-żgħażagħ; lanqaas ma rrid nitkellem dwar il-logħob perikoluż, it-tlioelaq tal-ġenn ta' karozzi, dwar inċidenti tas-Sibt fil-għaxija. Iżda hemm univers ta' lejl iżjed normali, iżjd trankwill, u safrattant Iżjed affaxxinenti għaż-żgħażagħ.

Huwa l-lejl li jibda wara l-ħdax ta' bil-lejl u li jibqa' sejjer l-iżjed l-iżjed sas-siegħa jew is-sagħtejn ta' fil-għodu. Dan hu żmien li hu ferm iktar minn sempliċl spazju ta' ħin: hu klima, hu ambjent, hu esperjenza. U l-lejl, dan il-lejl li qed insemmi, jagħti liż-żgħażagħ, rwoli mportanti, għaliex jagħmilhom iħossu lilhom infushom "ħielsa", "awtonomi", verament iħossuhom dak li verament huma.

Min hu dak fostna li bħala adolexxent. Ma għix is-seħer ta' iljieli ta' ġiti skolastiċl? U liema għalliem ma safriex, matul dawn il-ġiti skolastiċl, fit-tentattivi tiegħu li jġiegħel lill-istudenti jibqgħu fil-kmamar tagħhom u jorqdu? Jiew liema edukatur m'għaddiex iljieli sħaħ bla rqad, l-ewwelnett biex jgħasses id-dormitorju u mbagħad biex jieħu sehem f'laqgħat twal bil-lejl li fihom kienu jsiru l-vrerifika u l-ħwejjeġ l-oħra? X'hemm daqstant maġiku fil-lejl?



Ċerti katgoriji tipiċi tal-lejl jsiru mill-Iżjed interessanti!

## LEJL: JEW AHJAR SKIET

Il-lejl huwa l-ħin tas-skiet u għalhekk il-ħin tad-djalogu, tal-laqgħa intima. L-ilħna tal-ġenn tal-jum jieqfu. L-uniku sfond hu dak tal-mużika, Hu hekku kif il-qlub jinfetħu f'kunfidenzi prezzjużi. Il-maħbubin ipespsu frażijiet li kieku kellhom jingħadu bi nhar, żgur li ma kienx ikollhom l-istess poeżija; il-ħbieb jirrakkontaw lil xulxin avventuri sigrieti, proġetti futuri, ħolm impossibbli; xi wħud isibu l-ispazju ideali biex jinġabru xi ftit jew inkella biex jiltaqgħu m'Alla. Il-film, "Prima dell'Alba" juri b'ċerta arti din id-dimensjoni: f'lejla waħda, kbira, twila u meraviljuża, ġuvni u xebba jirrokkantaw lil xulxin ħajjithom kollha, jinħabbu u maż-żernieq jiltilqu lil xulxin. Aventura mill-isbaħ! Forsi dan hu aspett ieħor stramb tas-skiet tal-lejl; hemm ir-riskju li jsir skiet mill-Iżjed ħafif, kważi, kważi vojt, Għada jisbaħ jum ġdid, forsi anqas biss nibqgħu naħsbu dwar l-intensita' tal-lejl: iżda intensita' kien hemm u lkoll kemm aħna nkunu għixniha.

## LEJL: BHALA MISTERU

Id-dlam itellfek milli tara ċar l-ħwejjeġ ta' madwarek: id-dellijiet jistgħu jkunu personaġġl strambi, sħahar krudili jew oħrajn twajba. Il-kanzunetta ta' Jovanotti: "L'Ombelico del Mondo", tiddeskrivi sewwa din id-dimensjoni. Maqluba għall-Malti din il-kanzunetta tgħid hekk:

Huwa hawn fejn jiltaqgħu flimkien uċuħ strambi

Ta' ġmiel li jżarmak

ġilda lewn l-ebanu ta' missier indiġenu,

u għajnejn smeraldi bħal ta' djamant.

Uċuħ li jbeżżgħu ta' razez ġodda

Bħal millenju l-ġdid li għoddu beda

U din hi ż-żokra tad-dinja

U aħna diġa qed niżfnu.

*ikompli f'paġna 6*

*jaqbad minn paġna 3*

Din hi ż-żokra tad-dinja

Fejn ħadd, fejn ħadd ma jaf fejn ser jispiċċa;

U filwaqt li jixxabbat fih innifsu

Sa l-għejjun fejn jinġhata n-nifs,

Huwa hawn fejn jiltaqgħu l-bnedmin għarwiena

B'bagalji ta' fantasija,

Huwa hawn fejn jinsab il-bir ta' l-immaġinazzjoni,

Fejn jiltaqgħu l-esperjenza

U jimbidlu f'espressjoni

Fejn il-ħajja tagħmem lilha nnifisha prezzjuża

U l-imħabba tagħna ssir azzjoni

Fejn ir-regoli ma jeżistux

Jeżistu biss l-eċċezzjonijiet..

Il-qamar jieħu sewwa d-dimensjoni misterjuża tal-lejl. Min hu dak fostna li qatt ma jħares lejn il-qamar ta' lanqas darba waħda, u jafda f'idejh il-biża' u s-sigrieti kollha tiegħu?

## LEJL: JIĠIFIERI DAWL!

Waħda tfajla rrakkontat b'mod paradossali, l-importanza tal-lejl: "Il-lejl biss hu dawl!" Matul il-lejl il-persuna tikber, issir protagonista, għaliex kull ħaġa oħra hija fid-dell. Iż-żgħażagħ, bil-għatx għall-protagoniżmu,fl-aħħarnett jirnexxilhom jakkwistawh. Mhux importanti jekk ikunux taħt id-dawl psikadeliku tad-Discos, jew inkella taħt id-dawl kiebi tal-kunċerti, jew inkella taħt id-dawl pallidu tal-fanali ta' xi pjazza żgħira... fin-nofs għandek issib lilhom. Hemm huma, bl-istejjer li jridu jirrakontaw, jisimgħu, jivvintaw; hemm huma bil-kanzunetti kantati b'garġi miftuħa beraħ; hemm huma bil-movimenti frenetici ta' ġisem li qed ifittex emozzjoni waħda u kbira; "Jiena qiegħed hawn". Il-lejl isir "lejl ta' kwiekeb", għax meta jħossuhom apprezzati, ikkunsidrati, maħbuba.. kollox isir jiddi. Din hija d-dimensjoni qawwija u fundamentali tal-ħbiberija tal-grupp. Dak il-grupp li kultant jagħmilna kapaċi nwettqu saħansitra ħwejjeġ assusdi. L-ebda trasgressjoni ma titwettaq jekk ma jkunx hemm almenu tnejn.



## KIF JARAWH L-EDUKATURI

Is-sena l-oħra kelli l-fortuna li nieħu sehem fil-Festivalbar ġewwa Napli, minn wara l-palk. Kont qrib passaġġ li minnu kellhom jgħaddu l-kantanti kollha biex jitilgħu fuq il-palk. Fuq quddiem, eluf ta' żgħażagħ. Għalija l-veru spettaklu kienu huma: xejjru jdejhom, werżqu, żifnu u meta bdew jittendu li t-telecamera kienet immirata fuqhom, l-entużjażmu beda kulma jmur Iżid u jgħola. Bdew isellmu u jgħannqu lil xulxin eluf ta' drabi.

Jien jidhirli li l-akbar appell li l-lejl jagħmel lill-edukaturi f'isem dawn Iż-żgħażagħ huwa dan: ittendu li aħna neżistu! Il-lejl jippreżenta stedina lill-edukaturi, Iżda nistgħu ngħidu li hija stedina wkoll lill-ġenerazzjoni ta' l-adulti in ġenerali, sabiex ikunu lesti sabiex jitilfu siegħa waħda mill-irqad tagħhom ħalli jmorru huma wkoll hemm, fejn jinsabu huma.

Il-lejl hu metafora li tirrappreżenta lid-dinja kollha taż-żgħażagħ, li mh humiex magħrufa mill-adulti. Iż-żgħażagħ jkompli jtennulna, Iżjed bl-atteġġjamenttagħhom milli bil-kliem, li huma jħossuhom imxebbgħin b'dak kollu li jinghad fuqhom.: huma jriduna li nitkellmu magħhom. Kif qatt nistgħu ninsew li Nikodemu mar għand Ġesù "bil-lejl"?

Id-DJ Albertino qalli waqt intervista: "Jiena naħseb li l-adulti jridu jagħmlu kull sforz biex jagħrfu l-gosti taż-żgħażagħ. Dan ma jfissirx li huma jridu jogħġbu liż-żgħażagħ bilfors billi jagħtuhom dak kollu li jogħġobhom. Iżda jeħtieġ li ma jiċħdulhom qatt xejn mingħajr ma jkunu jafu•x'qed jitolbuhom. Fl-aħħar mill-aħħar, l-adulti jixtiequ li ż-żgħażagħ jagħrfu l-ħwejjeġ tad-dinja ta' l-adulti.." Fi kliem ieħor, filwaqt li nuża l-metafora tal-bidu, il-missirijiet li jistennew quddiem il-Forum ta' Asiago, jistgħu jagħmlu sforz li "jdeffsu mneħirhom hemm ġew" huma wkoll... jistgħu saħansitra jirriskjaw li jiddevertu xi ftit huma wkoll. ■

ATTIVITAJIET KULTURALI FIT-

## TEATRU ASTRA

MATUL DIĊEMBRU 1999

❑ ***Is-Sibt 11 ta' Diċembru:***
MILIEDFEST-Serata divertenti mtella' mill-Għaqda Żgħażagħ La Stella

❑ ***It-Tnejn 13 ta' Diċembru:***
Kunċert Sinfoniku mill-Orkestra "Sinfonietta" ta' Ruma taħt il-ħarsien ta' l-E.T. il-President ta' Malta, Prof. Guido de Marco fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tar-Repubblika ta' Malta.

❑ ***Il-Ġimgħa 17 ta' Diċembru:***
Il-Musical "SCROOGE" ippreżentat mill-"Helping Hands Group" taċ-Ċentru għall-Istudji Avvanzati Sir Mikelanġ Refalo.

ATTRAZZJONI GĦAX-XAHAR TA' JANNAR 2000

❑ ***Is-Sibt 15 ta' Jannar 2000:***
L-Operetta popolari "THE GIESHA" ta' Sydney Jones.

**RADJU TAL-KOMUNITA'**
**Leħen il-Belt Victoria**
**104 FM Stereo**
***7 ta' Diċembru 1999***
sat-
***8 ta' Jannar 2000***

# Milied 1999

Jgħaddu x-xhur, jitgerrbu l-ġmiegħi
Reġa' wasal il-Milied-
Festa illi tnessi l-firda
Tfejjaq għira, għelt u ġlied.

Ma jistax ikun mod ieħor-
Ġesù paċi ried iġib
Meta ġewwa grotta fqira
Għalik twieled, ja ħabib!

L-aqwa ħbieb li Lilu żaru
Kienu r-ragħajja bil-merħliet
Illi ġrew lejn dak l-għar ċkejken
Kif madwarhom l-aħbar dwiet.

Minn ġos-sema kollha kwiekeb
L-anġli kantaw għalenija;
L-aħbar tajba ħabbru, xandru
Waqt li ttajru mija, mija.

Fuq il-għar għeri ta' Betlem
Fejn kien hemm baqra u ħmara
Illi saħħnu bin-nifs tagħhom
Lit-tarbija, kollhom ħrara.

Għalkemm għaddew żewġ millenji
Mindu seħħet din il-ġrajja
Il-Milied jiġi kull sena-
Din l-istorja tibqa' ħajja!



Mhux biss, iżda ferħ u hena
Tiżra' dlonk ma kullimkien
Mhemmx kulur, razza, fruntiera
Għal kull qalb dan l-isbaħ żmien.

Dil-ġrajja kollha ndommuha
Fil-presepju ta' ġod-dar ·
Li madwaru l-familja
Tinġabar biż-żgħar w il-kbar.

Dan hu l-qofol ta' dil-festa
Mhux il-ġiri w ix-xalar
Xiri bl-għaġġla, dawl ipetptu,
U ljieli barra d-dar.

Jekk irridu nqattgħu hienja
Il-jiem sbieħ min tal-Milied
Ejjew nifthu qalbna beraħ
Lil Ġesù nkennu mis-sried.

Lilu nżommu b'Sultan tagħna
Għal millenju illu ġej-
Bambin ċkejken aħna rridu
Li tkun tagħna l-Mexxej.

O Ġesù ħelwa tarbija
Ejja għammar ġewwa fina
U l-ferħ qaddis tas-sema
Nitolbuk tfittex tagħtina.

Tiegħek biss aħna l-ulied
Viva Viva l-Milied.

***Kav. Joe M. Attard***

## Rokna tat-Tfal

Għeżież tfal,

Bil-grazzja t'Alla, din il-ħarġa tal-Belt Victoria, hija l-aħħar waħda ta' dan is-seklu. 'K Alla jrid dal-waqt nibdew seklu ġdid. Intom, is-seklu li ser jimtemm dal-waqt, ma bdejtuhx. Min jaf fejn kontu eh, meta beda! Imma ser tispiċċawh bil-għajnuna t'Alla. Wara kollox lanqas jien ma bdejtu, u rrid nittama li ntemmu b'wiċċ il-ġid. Min jaf kemm seħħu ġrajjiet matul dan is-seklu. Kellna bis żewġ gwerer mondjali, barra minn gwerer oħra, ngħidu aħna bħal dik tal-Vjetnam. Anki fl-istorja tal-Kinisja seħħew ħafna ġrajjiet importanti, fosthom il-bidliet ta' diversi Papiet.



F'pajjiżna wkoll seħħew bosta ġrajjiet importanti u sbieħ, bl-akbar waħda tkun il-miġja fostna tal-Q.T. l-Papa Ġwanni Pawlu II. Għalkemm din il-ġrajja ilha li seħħet numru sewwa ta' snin, ħafna minnkom jiftakruha sewwa għalkemm kontu għadkom xi ftit żgħar. Żgur li ġrajja bħal din tibqa' stampata f'moħħkom għal dejjem, l-aktar jekk ħadtu sehem attiv fiha.

Intom, tfal, għadkom żgħar u f'ħajjitkom twettqu bosta affarijiet sbieħ u ta' dan wieħed irid ifaħħarkom ħafna. Min jaf kemm-il azzjoni tajba għamiltu, kemm wettaqtu azzjonijiet ta' karita', kemm għintu lill-proxxmu tagħkom, kemm għintu lill-ġenituri tagħkom fix-xogħol tagħhom, kemm studjatu u kemm għamiltu eżamijiet. Għal dan kollu, ta' min iroddilkom ħajr mill-qalb u jagħtikom kull tifħir.

Iżda drabi oħra, għalkemm mhux ilkoll kemm intom, ma ġibtux ruħkom sewwa. Għamiltu xi kuntrarji, weġġajtu lil xi ħadd, bi kliemkom, bl-azzjonijiet ħżiena tagħkom. U ta' dan kollu, huwa ta' min jiġbdilkom widintkom. Kif Alla jippremjakom ta' l-azzjonijiet tajba tagħkom, Huwa jikkastigakom u jċanfarkom ta' l-azzjonijiet ħżiena li twettqu.

Mela issa, waqt li troddu ħajr lil Alla talli għenkom twettqu l-azzjonijiet tajba, tridu titolbuh maħfra ta''l-azzjonijiet il-ħżiena li wettaqtu fl-imgħoddi u twegħduh li ma terġgħux.

Tfal, il-Milied għoddu magħna. Għandi nifhem li s'issa diġa' bdejtu taħsbu biex tiċċelebraw kif imiss din il-Festa kbira u għażiża. Qisu li ma titilfux in-Novena! U ħaġa oħra: tinsewx it-tfal li huma inqas ixxurtjati minnkom. Qisu li tagħtuhom dak ir-rigal li jagħmilhom ferħanin.

Għal-lum xejn iżjed, tfal. Sakemm nerġgħu niltaqgħu, fil-bidu ta' millenju ieħor, il-Milied it-Tajjeb u Sena Ġdida mimlija risq u barka. Ciao

IZ-ZIJU PEPPI

# ĊELEBRAZZJONIJIET F'ĠIEĦ IL-PERIT PIETRU ATTARD FUNDATUR TAS-SOĊJETA' FILARMONIKA LA STELLA

Nhar is-Sibt 20 ta' Novembru 1999 is-Soċjeta Filarmonika La Stella sellmet lill-Fundatur tagħha, il-Perit Pietru Attard, b'Kunċer fis-sala spazzjuża tat-Teatru Astra li għalih kienu mistiedna l-Speaker tal-Kamra l-Onor Anton Tabone, il-Mistru għal Għawdex is-Sinjura Giovanna Debono flimkien mad-deputati Għawdxin u fiċċjali oħra statali u ċivili. Il-pubbliku numeruz seta' japprezza għal darb' oħra il-livell għoli ta' interpretazzjoni li l-Banda ~ittadina Ewlenija fi gżiritna taħt id-direzzjoni tal-Professur Joseph Vella saret magħrufa għalih.

Il-Banda fetħet il-programm impenjattiv tagħha bl-esekuzzjoni ta' l-overture "Light Cavalry" ta' Franz von Suppe'. L-istil ħafif, mexxej u fl-istess waqt ċelebrattiv li jikkaretterizza din is-silta ferm popolari ħareġ fid-dettalji kollha tiegħu biċ-ċarezza u l-artikolazzjoni ritmika preċiża u puntwali tad-diversi sezzjonijiet tal-Banda.

It-tieni silta "Andante Religioso" ta' Francois Thome' kienet kuntrast fl-ispirtu ma' dik ta' qabilha. L-interventi solistiċi ta' Mario Galea (Klarinett) u Mario Attard (Saxophone Alto) urew il-ħila teknika flimkien ma' dik interpretattiva li għalihom dejjem kienu magħrufa sew is-solisti li bihom il-Banda La Stella stagħniet sa mill-bidu tat-twaqqif tagħha.

Selection mill-opra dranjuża AIDA ta' Giuseppe Verdi qajmet il-memomorji sbieħ tat-trijonf kbir li kisbet din l-opra meta ittellgħet fit-Teatru f'Mejju li għadda.Il-padrunanza fit-teknika u fl-interpretazzjoni li uriet il-banda huma rifless tal-padrunenza assoluta li wera s-surmast Direttur ta' l-irqaqat kollha li jiffurmaw in-nisġa ta' din is-selection. Il-maestrija murija b'diskrezzjoni kbira li huma sinonimi ma' l-istil ta' Joseph Vella għenu mhux ftit sabiex il-banda setgħet tilħaq il-livell ta' eċċellenza fl-esekuzzjoni li laħqet fl-AIDA. Is-solisti Mario Galea (Klarinett), Mario Mizzi (Tromba Sib.) Joe Borg (Saxophone Tenore), Frank Camilleri (Althorn) u Anton Sacco (Euphonium) ħaqqhom kull tifħir għall-interġretazzjoni stilistikament u teknikament perfetta tagħhom.

Il-programm ġie fi tmiemu bl-esekuzzjoni brillanti ta' l-overture "Oberon" ta' Carl Maria von Weber. L-adattament tal-kumpless bandistiku kien ta' min ifaħħru għal mod eżemplari u effettiv tiegħu. Din is-silta kompliet toħroġ is-sbuħija tonali li tikkaretterizza din il-Banda flimkien ma l-ispektrum wisa' ta' dinamika li jgħollu ferm 'l fuq il-Banda ~ittadina La Stella fil-qasam bandistiku f'pajjiżna.

Peress li din kienet serata kommemorattiva, inqrat poeżija tal-Kav. Joe M. Attard li kien il-compere tas-serata u sar diskors ta' natura storiko-soċjali miktub mis-Sur Pawlu Mizzi, pero' li ġie moqri minn ibnu s-Sur Joseph Mizzi. Għal din is-serata il-management ħaseb għal ktejeb informattiv b'notamenti minn Maria Frendo. Matul is-serata il-familjas Skinder rregalat klarinett lill-bandist Matthew Borg, iben Ġorġ, ukoll bandist, li hu n-neputi tal-mibki u qatt minsi Alessio Camilleri,. li fi kliem il-President is-Sur Dolindo Cassar kien wieħed mill-kolonni kbar tas-Soċjeta' u tal-Banda. L-applaws spontanju u kommoventi ta' l-udjenza jixhed ir-rispett li jgawdi Alessio Camilleri.

Dan l-istess applaws ta' kunsens, qima u rispett ġenwin ingħata lill-mibki u qatt minsi Joseph Attard li propju f'dawn il-ġranet il-Mulej sejjaħlu għal għandu wara marda twila li taqtitu ħesrem waqt attivita ta' l-istess banda li hu tant kien lħobb u li tant ħadem bi sħiħ għaliha. Xhieda ta' ħidmietru bla serħan huma fost oħrajn tnejn u għoxrin bandist, fosthom diversi solisti bravi, li fis-serata kienu preżenti fil-banda. Il-Banda onoratu b'minuta silenzju fil-bidu tal-programm.

Fi tmiem il-kunċert, il-Ministru għal Għawdex, l-Onor Giovanna Debono, kixfet monument tal-Fundatur Pietru Attard, maħdum fil-bronż mill-magħruf skultur Malti Joseph Chetcuti waqt li l-Banda daqqet l-Innu La Stella. Il-monument, li tqiegħed biswit l-entratura tas-sala tal-Kunċerti tal-banda, tbierek mill-Arċipriet Emeritus u Direttur Spiritwali tal-Każin, Mons Emanuele Mercieca.

B'hekk ġew fi tmiemhom iċ-ċelebrazzjonijiet f'ġieħ il-Fundatur tas-Soċjeta' La Stella, il-Perit Pietru Attard, li fetħu aktar kmieni matul il-ġimgħa b'Quddiesa Solenni mmexxija mill-Arċipriet Mons. Dr. Joseph Farrugia fil-Bażilika ta' San Ġorġ fil-qalba tal-Belt Victoria. ■



Il-Ministru għal Għawdex l-Onor Giovanna Debono tikxef il-Monument f'ġieħ Pietru Attard, Fundatur tal-Banda La Stella.



Mons Arċipriet Emeritus Emanuele Mercieca jbierek il-monument.